# FIL-PRIM’AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## (Sede Kostituzzjonali)

## IMĦALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

## ILLUM, il-Ħamis, 13 ta’ Lulju, 2017

**Kawża Numru 5 (Kost.)**

**Rik. Nru. 19/16JRM**

Anġelo **ŻAHRA**

vs

**L-AVUKAT ĠENERALI**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fil-11 ta’ Frar, 2016, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra r-rikorrent talab li din il-Qorti (i) issib li huwa ġarrab ksur tal-jeddijiet fundamentali tiegħu li ma jkunx imċaħħad mit-tgawdija bla xkiel tal-possedimenti tiegħu taħt l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (aktar ’il quddiem imsejħa “il-Konvenzjoni”) u l-jedd tiegħu li ma jkunx suġġett għal trattament inuman jew degradanti taħt l-artikolu 3 tal-istess Konvenzjoni u dan safejn l-Ordni ta’ Iffriżar magħmul kontrih mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja fil-21 ta’ Lulju, 2001, għall-finijiet tal-artikolu 22A(1)(a) u (b) tal-Ordinanza dwar il-Mediċini

Perikolużi[1] żammu milli jkompli fin-negozju tiegħu u minn kif jista' jinqeda bil-ġid tiegħu jew jiddisponi minnu; (ii) issib li ġarrab ksur tal-istess artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll u tal-artikolu 3 tal-Konvenzjoni safejn ma jeżisti l-ebda rimedju fil-liġi (bħalma huwa mogħti fl-artikolu 22Ċ tal-imsemmija Ordinanza, fil-każ fejn il-proċeduri quddiem il-Qrati ta' kompetenza kriminali jkunu ntemmu) biex l-imsemmi Ordni ta' Iffriżar jista' jitħassar sakemm ikunu għadhom mexjin jew pendenti l-proċeduri kriminali fir-rigward tal-persuna milquta mill-istess Ordni; (iii) tagħti dawk id-direttivi kollha li jidhrilha xierqa u meħtieġa sabiex jitħarsu l-imsemmija jeddijiet fundamentali tiegħu, magħdud it-tħassir bla ebda kundizzjoni tal-imsemmi Ordni ta' Iffriżar maħruġ fil-21 ta' Lulju, 2001; u (iv) tikkundanna lill-intimat iħallas l-ispejjeż tal-kawża;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tad-15 ta' Frar, 2016, li bih ordnat in-notifika lill-intimat u qiegħdet il-kawża għas-smigħ tad-19 ta' Frar, 2016;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimat Avukat Ġenerali fid-19 ta' Frar, 2016, li biha laqa' għall-azzjoni tar-rikorrent billi, b'mod preliminari, qal li r-rikorrent qiegħed jabbuża mill-proċess ġudizjarju kostituzzjonali meta seta' jinqeda b'rimedji ordinarji li tagħtih il-liġi – fis-sura ta' tressiq ta' rikorsi quddiem il-Qorti ta' kompetenza kriminali biex jitħalla juża mill-ġid tiegħu maqbud b'Ordni bħal dak – liema rimedji huma fejjieda u l-istess rikorrent irrikorra għalihom bosta drabi biex jitħalla jiddisponi minn ġidu; għalhekk, jeċepixxi li r-rikorrent naqas milli jeżawrixxi r-rimedji ordinarji u din il-Qorti għandha tagħżel li ma twettaqx is-setgħat tagħha biex tisma' din il-kawża għall-finijiet tal-*proviso* tal-artikolu 4(2) tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta. Fil-mertu, laqa' billi qal li r-rikorrent ma jistax jilminta minn ksur tal-jedd tiegħu taħt l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni għaliex l-Ordni tal-Iffriżar maħruġ kontrih inħareġ bis-saħħa ta' liġi u l-imsemmi artikolu jippermetti l-kontrol tal-ġid ta' persuna meta dan isir fl-interess pubbliku u s-soppressjoni ta' attivita' kriminali hija magħmula fl-interess pubbliku. L-Ordni ta' iffriżar jista' jitqies bħala miżura provviżorja u kawtelatorja maħsuba biex tirrendi effettiva l-eżekuzzjoni ta' sentenza f'każ ta' eventwali sejbien ta' ħtija tal-persuna milquta b'Ordni bħal dak. Żied jgħid li lanqas ma jista' r-rikorrent jilminta bi ksur tal-jedd tiegħu li ma jkunx suġġett għal trattament degradanti bi ksur tal-artikolu 3 tal-Konvenzjoni għaliex l-effetti ta' Ordni ta' Iffriżar ma jistgħu qatt iwasslu għal-livell ta' moħqrija li tammonta għal trattament degradanti u lanqas jista' jgħid li l-Ordni nħareġ mill-Qorti tal-Maġistrati bil-ħsieb li tumiljah;

[1] Ord. XXXI tal-1939 (Kap 101)

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tad-9 ta' Marzu, 2016[2], li bih u wara talba li saritilha mill-avukati difensuri tal-partijiet fl-ewwel smigħ, sabet li kien hemm raġunijiet tajbin biżżejjed biex tastjeni milli tkompli tisma' l-każ;

Rat is-surroga tal-11 ta' Marzu, 2016, li biha din il-kawża ntbagħtet quddiem din il-Qorti kif issa presjeduta biex tkompli tismagħha hi;

Rat id-degriet tagħha tal-5 ta' April, 2016, li bih ordnat li qabel kull ħaġ'oħra ssir it-trattazzjoni tal-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-intimat dwar jekk din il-Qorti jmisshiex tagħżel li twettaq is-setgħat tagħha biex tisma' din il-kawża u tat direttivi lill-partijiet biex iressqu l-provi dokumentali li jidhrilhom meħtieġa biex tisma' t-trattazzjoni ta' dik l-eċċezzjoni;

Rat id-degriet tagħha tat-2 ta' Ġunju, 2016, li bih awtorizżat lir-rikorrent iressaq ix-xhieda tiegħu bil-mezz tal-affidavit;

Rat il-provi dokumentali mressqin mill-intimat b'Nota tiegħu tal-11 ta' Mejju, 2016[3];

Rat in-Nota mressqa mir-rikorrent fl-1 ta' Lulju, 2016[4], b'affidavit bix-xhieda tiegħu mehmuż magħha;

Rat id-degriet tagħha tal-5 ta' Lulju, 2016, li bih ħatret lill-Avukat Maria Dolores Gauċi bħala Assistent Ġudizzjarju biex tisma' x-xhieda fil-kontro-eżami tar-rikorrent;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-intimat fit-22 ta' Awwissu, 2016[5], dwar l-ewwel eċċezzjoni preliminari tiegħu;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet dwar l-ewwel eċċezzjoni preliminari (registrata u traskritta)[6];

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degriet tagħha tat-18 ta' Ottubru, 2016, li bih ħalliet il-kawża għas-sentenza dwar l-imsemmija eċċezzjoni preliminari;

***Ikkunsidrat:***

[2] Paġġ. 37 sa 47 tal-proċess
[3] Paġġ. 56 sa 165 tal-proċess
[4] Paġġ. 170 – 180 tal-proċess
[5] Paġġ. 198 sa 203 tal-proċess
[6] Paġġ. 206 sa 213 tal-proċess

Illi din hija azzjoni dwar ksur ta' jeddijiet fundamentali. Ir-rikorrent jilminta li, wara li kien mixli b'reati marbutin ma' pussess u traffikar ta' droga u għaddej minn proċess quddiem Qorti ta' kompetenza kriminali b'rabta mal-istess xiljiet, inħareġ Ordni ta' Iffriżar skond l-artikolu 22A(1)(a) u (b) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta mill-Qorti li tressaq quddiemha u li l-effetti ta' dan l-Ordni għadhom fis-seħħ sallum, kważi sittax-il (16) sena wara li nħareġ. Huwa jgħid li, minħabba f'dak l-Ordni, qiegħed iġarrab ksur tal-jedd tiegħu li ma jkunx suġġettat għal trattament inuman u degradanti skond l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni u tal-jedd tiegħu li jgawdi bil-kwiet il-possedimenti tiegħu taħt l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-istess Konvenzjoni, u dan safejn dak l-Ordni laqtu u għadu jolqtu fit-tmexxija tan-negozju tiegħu u wkoll fil-mod kif jista' jagħżel li jiddisponi minn ġidu. Jgħid ukoll li qiegħed iġarrab ksur tal-jeddijiet tiegħu taħt l-istess imsemmija żewġ artikoli tal-Konvenzjoni safejn il-liġi ma tagħtih l-ebda rimedju li bih jista' jattakka jew iwaqqa' l-imsemmi Ordni sakemm il-proċeduri kriminali kontrih għadhom għaddejjin. Huwa qiegħed jitlob ukoll li din il-Qorti tagħtih rimedji effettivi biex jitwaqqaf dan il-ksur tal-jeddijiet tiegħu, magħdud it-tħassir bla ebda kundizzjoni tal-imsemmi Ordni ta' Iffriżar maħruġ kontrih;

Illi għal din l-azzjoni, l-intimat Avukat Ġenerali billi, b'mod preliminari, qal li r-rikorrent qiegħed jabbuża mill-proċess ġudizjarju kostituzzjonali meta seta' jinqeda b'rimedji ordinarji li tagħtih il-liġi – fis-sura ta' tressiq ta' rikorsi quddiem il-Qorti ta' kompetenza kriminali biex jitħalla juża mill-ġid tiegħu maqbud b'Ordni bħal dak – liema rimedji huma fejjieda u l-istess rikorrent irrikorra għalihom bosta drabi biex jitħalla jiddisponi minn ġidu; għalhekk, jeċepixxi li r-rikorrent naqas milli jeżawrixxi r-rimedji ordinarji u din il-Qorti għandha tagħżel li ma twettaqx is-setgħat tagħha biex tisma' din il-kawża għall-finijiet tal-*proviso* tal-artikolu 4(2) tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta. Laqa' wkoll b'eċċezzjonijiet fil-mertu;

Illi din is-sentenza qiegħda tingħata dwar l-imsemmija ewwel eċċezzjoni preliminari li, fil-qofol tagħha, hija wkoll stedina biex il-Qorti tqis jekk ir-rikorrent għandux jew inqediex bir-rimedji 'ordinarji' li tagħtih il-liġi biex jikseb rimedju għall-ilmenti tiegħu;

Illi mill-<u>fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża</u> u safejn rilevanti għas-sentenza tallum, jirriżulta li r-rikorrent huwa negozjant imrawwem f'bosta oqsma u għal żmien twil. Dawn in-negozji kienu jikkonsistu f'diversi stabbilimenti kummerċjali mxerrdin ma' bnadi differenti ta' Malta u wkoll minn ġid immobbli li huwa jħaddem bi qligħ mill-kirjiet tiegħu;

Illi r-rikorrent illum huwa pensjonant;

Illi fis-16 ta' Lulju, 2001[7], huwa kien tressaq mill-Pulizija quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja, mixli b'assoċjazzjoni f'reati dwar traffikar ta' droga flimkien ma' wieħed Jason Briffa, li xi snin qabel kien joħroġ man-neputija tar-rikorrent u kellu tarbija minnha[8];

Illi dakinhar li r-rikorrent tressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, inħareġ Ordni ta' Iffriżar fuq ġidu kollu skond id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 22A(1)(a) u (b) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

Illi l-proċeduri mnedija mill-Pulizija Eżekuttiva kontra r-rikorrent quddiem il-Qorti ta' kompetenza kriminali għadhom ma ngħalqux, l-aktar minħabba ċirkostanzi li laqtu l-mixi 'l quddiem tal-proċediment, bħal meta l-atti tal-kumpilazzjoni kienu nqerdu b'nar li ħakem l-awla tal-Qorti fejn kienu miżmuma u kellha terġa' ssir ir-rikostruzzjoni tagħhom u wkoll minħabba li l-proċediment tiegħu qiegħed jitmexxa għal rasu minn dak dak kontra l-imsemmi Jason Briffa, li kien il-persuna li, fi stqarrija li ta lill-Pulizija fis-17 ta' Lulju, 2001[9], implikah fir-reati li r-rikorrent issa jinsab mixli bihom. Peress li l-ġudizzji qegħdin jitmexxew għal rashom, u peress li dawk kontra r-rikorrent qegħdin jistennew l-eżitu tal-proċeduri mnedija kontra Jason Briffa, l-effetti tal-Ordni ta' Iffriżar qegħdin jinżammu fis-seħħ minħabba f'hekk;

Illi matul iż-żmien wara li kien tressaq quddiem il-Qorti, ir-rikorrent ressaq bosta talbiet lill-Qorti tal-Maġistrati[10] biex jitħalla jiddisponi minn xi ġid tiegħu, magħduda l-każijiet li fihom għamel atti ta' konvenju. Jgħid li bosta minn dawk it-talbiet ma ntlaqgħux, jew, fejn intlaqgħu, dan sar bil-kundizzjoni li l-prezz tal-bejgħ li jkun daħħal ikun irid iqiegħdu taħt l-awtorita' tal-Qorti u mhux jinqeda bih hu għall-ħtiġijiet tiegħu jew biex jikseb ġid ieħor bi prezzu[11];

Illi huwa jgħid li, minħabba li kien imxekkel fin-negozju tiegħu u minħabba l-effetti tal-istess Ordni, il-banek waqqfulu l-faċilitajiet bankarji li kienu tawh u saħansitra għaddew biex biegħulu ġid tiegħu biex jagħmel tajjeb għall-ħlas tal-imsemmija faċilitajiet. Jgħid ukoll li kellu problema mad-Dipartiment tat-Taxxi dwar il-ħlas tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud u li kien intbagħat il-ħabs ukoll minħabba f'hekk;

Illi kien hemm okkażjonijiet fejn il-Qorti tal-Maġistrati awtorizżat lir-rikorrent biex iħallas kontijiet pendenti dwar servizzi mogħtijin jew

[7] Ara Dok f'paġ. 58 tal-proċess
[8] Affidavit tar-rikorrent f'paġġ. 172 – 3 tal-proċess
[9] Ara Dok f'paġġ. 59 sa 66 tal-proċess
[10] *Ibid.* f'paġġ. 177 – 9 tal-proċess
[11] Ara Dokti f'paġġ. 69 sa 165 tal-proċess

kontijiet dipartimentali jew biex ikopri nefqiet marbutin ma' kura li kellu jieħu[12];

Illi fil-11 ta' Frar, 2016, ir-rikorrent fetaħ din il-kawża;

Illi l-konsiderazzjonijiet legali marbutin mal-eċċezzjoni taħt eżami jitolbu li l-Qorti tqisha fid-dawl tal-istadju bikri li fih għadu jinsab il-każ imressaq quddiemha, u dan minkejja li l-Ordni li dwaru r-rikorrent jilminta li qiegħed iġarrab ksur tal-jeddijiet fundamentali tiegħu ilu issa bosta snin fis-seħħ;

Illi r-rikorrent isejjes l-azzjoni tiegħu kemm fuq il-fatt li l-Ordni tal-Iffriżar naqqaslu (jekk saħansitra mhux ukoll ċaħħadlu) l-jeddijiet tiegħu fuq kif jiddisponi minn ġidu u kif ukoll issuġġettah għal qagħda li tbaxxih f'għajnejn ħaddieħor, u kif ukoll fuq il-fatt li l-liġi ma tagħti l-ebda rimedju ordinarju biex l-effetti ta' Ordni bħal dak ikunu regolati sakemm il-proċeduri kriminali li dwarhom persuna tkun mixlija b'reati bi ksur tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta jkunu għadhom pendenti;

Illi l-intimat Avukat Ġenerali jsejjes l-eċċezzjoni tiegħu fuq il-fatt li, għall-kuntrarju ta' dak li jallega r-rikorrent, mhux talli l-liġi ma tagħti l-ebda rimedju lil persuna f'qagħda bħal dik li jinsab fiha r-rikorrent, talli l-istess rikorrent dar bosta drabi għar-rimedju li hu jgħid li ma jeżistix u ngħatalu fejn kien xieraq u ma ngħatalux f'okkażjonijiet oħrajn jew ingħatalu b'kundizzjoni. Huwa jgħid li l-fatt li r-rikorrent irrikorra għal dan ir-rimedju bosta drabi jixhed li l-eċċezzjoni hija tajba għaliex turi li r-rikorrent għandu u nqeda b'rimedju 'ordinarju' effettiv mogħti lilu mil-liġi u li jista' jkompli jinqeda bih sakemm jintemmu l-proċeduri kriminali mnedija kontrih;

Illi, kif ingħad għadd ta' drabi, l-eżistenza ta' rimedju ieħor lill-parti li tressaq azzjoni ta' allegat ksur ta' jedd fondamentali taħt il-Kostituzzjoni jew taħt il-Konvenzjoni għandha tirriżulta lill-Qorti bħala **stat ta' fatt attwali u oġġettiv**, u d-diskrezzjoni li tista' twettaq il-Qorti biex ma teżerċitax is-setgħat tagħha "jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel" minħabba l-eżistenza ta' rimedju ieħor hija deċiżjoni fuq tali **stat ta' fatt.** Kemm hu hekk, huwa biss meta jew jekk jirriżulta lill-Qorti bħala fatt li (kien) jeżisti rimedju ieħor effettiv lir-rikorrent li l-Qorti tista' tiddelibera jekk għandhiex twarrab milli teżerċita s-setgħat tagħha li tisma' l-ilment imressaq quddiemha[13]. F'każ li ma jirriżultax li kien hemm rimedju ieħor xieraq, il-Qorti trid tieħu konjizzjoni tal-ilment, u f'każ li kien hemm rimedju ieħor, il-Qorti xorta waħda jibqagħlha s-setgħa li tiddeċiedi li ma ċċediex l-eżerċizzju tas-setgħa tagħha;

[12] Xhieda tiegħu fil-kontro-eżami f'paġ. 189 tal-proċess
[13] Ara Kost. **31.5.1999** fil-kawża fl-ismijiet ***Żahra vs Awtorita' tal-Ippjanar*** (Kollez. Vol: **LXXXIII.i.179**)

Illi ma jrid bl-ebda mod jintesa li d-diskrezzjoni li l-Qorti għandha f'dan ir-rigward trid titwettaq b'mod korrett u mmirata lejn l-iskop li l-leġislatur ried li jilħaq biha: jiġifieri, li filwaqt li ma jitħallewx isiru kawżi kostituzzjonali bla bżonn, min-naħa l-oħra ma jiġrix li, minħabba tħaddim "liberali" tad-diskrezzjoni, persuna tinżamm milli tmexxi 'l quddiem azzjoni bħal din meta jkun jidher li l-każ huwa wieħed serju li jimplika t-telf jew tnaqqir ta' jedd fondamentali għal dik il-persuna. Kif ingħad b'għaqal f'dan ir-rigward, din id-diskrezzjoni għandha dejjem tiġi wżata fl-aħjar interess tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja biex, min-naħa l-waħda, il-Qrati ta' indoli kostituzzjonali ma jsibux ma' wiċċhom kawżi li messhom jew setgħu tressqu quddiem Qrati oħrajn kompetenti jew li dwarhom messhom jew setgħu jitfittxu rimedji oħrajn effettivi, u biex, min-naħa l-oħra, persuna ma tiġix imċaħħda mir-rimedji li għandha jedd tfittex taħt il-Kostituzzjoni jew taħt il-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta[14] lil min ġenwinament ifittex rimedju kostituzzjonali[15];

Illi meta jingħad li jkun hemm rimedju ieħor xieraq, dejjem ikun qiegħed jitfisser li tali rimedju jrid jitqies fid-dawl tal-ksur tal-jedd fondamentali li jkun qed jiġi allegat li nkiser jew li jkun mhedded li sejjer jinkiser: għandu jkun rimedju aċċessibbli, xieraq, effettiv u adegwat biex jindirizza l-ksur jew theddid ta' ksur lamentat[16]. M'hemmx għalfejn li, biex jitqies bħala effettiv, ir-rimedju jintwera bħala wieħed li se' jagħti lir-rikorrent suċċess garantit, għaliex ikun biżżejjed li jintwera li jkun wieħed li jista' jiġi segwit b'mod prattiku, effettiv u effikaċi[17]. Fuq kollox, ir-rimedju "ordinarju" mogħti jgħodd ukoll fejn dan jingħata bis-saħħa ta' liġi, imqar jekk biex jindirizza ksur ta' jedd fundamentali li diġa' seħħ jew li x'aktarx iseħħ[18];

Illi joħroġ ukoll li l-eżistenza ta' rimedju "ordinarju" trid tkun murija kif imiss minn min iqanqal l-eċċezzjoni. F'dan il-każ, kien l-intimat li qajjem l-eċċezzjoni li r-rikorrent għandu rimedju ieħor għad-dispożizzjoni tiegħu, u huwa għalhekk dmir tal-imsemmi intimat li juri li r-rikorrent tassew għandu dak ir-rimedju;

Illi f'dan ir-rigward ingħad li "*Remedies must be real and practical and not theoretical or illusory, e.g. genuine fear of reprisals, intimidation. Account will be taken not only of the personal circumstances of the applicant, but the general legal and political context in which the alleged remedies operate. An unduly formalistic approach is not to be taken by the Convention organs which will apply a certain degree of flexibility. Remedies must be effective, i.e. capable of providing redress for the complaint...; the speed of the procedure may also be relevant to its*

[14] Kost. **27.2.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***John Sammut vs Awtorita' tal-Ippjanar et***
[15] Kost. **31.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Mediterranean Film Studios Limited vs Korporazzjoni għall-Iżvilupp ta' Malta et***
[16] Ara Kost **5.4.1991** fil-kawża fl-ismijiet ***Vella vs Kummissarju tal-Pulizija et*** (Kollez. Vol: **LXXV.i.106**)
[17] P.A. Kost. **9.3.1996** fil-kawża fl-ismijiet ***Clifton Borġ vs Kummissarju tal-Pulizija*** (mhix pubblikata)
[18] Kost. **11.4.2011** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Brincat et vs Policy Manager ta' Malta Shipyards et***

*effectiveness; the remedy must be capable of remedying directly the state of affairs; form part of the normal process of redress and involving normal use of the remedy...; be accessible...; offer reasonable prospects of success; a mere doubt as to the prospect of success in going to court does not exempt from exhaustion. Where case-law is unclear, contradictory or in the process of ongoing interpretation, an applicant may be expected to pursue an action or appeal which allows the courts to rule on the issues. ... Also, if there is more than one remedy available, an individual is not required to try more than one; an applicant is generally not required to try the same body again by way of a repeated request or application*"[19]. Fil-fehma tal-Qorti, dawn ir-regoli għaqlin joqogħdu sewwa għall-każ tal-lum u b'żieda ma' dak li ngħad aktar qabel;

Illi, madankollu, l-eżistenza ta' rimedju ieħor trid titqies fiż-żmien tal-allegat ksur tal-jedd fondamentali li dwaru jitressaq l-ilment, u mhux fiż-żmien li jkun tressaq l-ilment kostituzzjonali jew konvenzjonali[20]. Mhuwiex mogħti lil persuna l-benefiċċju li l-ewwel tħalli jgħaddi għalxejn iż-żmien li fih setgħet tieħu r-rimedju għall-ksur tal-jedd tagħha, u mbagħad tressaq ilment kostituzzjonali jew konvenzjonali dwar l-istess ksur bħallikieku l-proċedura kostituzzjonali jew konvenzjonali kienet xi rimedju *in extremis* li wieħed jista' jirrikorri għalih biex isewwi żball jew nuqqas li ma messux twettaq qabel[21];

Illi huwa mgħallem ukoll li "*it is not only judicial remedies which must be sought, but every remedy under national law which may lead to a decision that is binding on the authorities, including the possibility of appeal to administrative bodies, provided that the remedy concerned is adequate and effective*"[22];

Illi f'għadd ta' sentenzi mogħtijin f'dawn l-aħħar snin mill-Qorti Kostituzzjonali, ġew stabiliti prinċipji li għandhom jiġu segwiti minn Qorti biex tqis jekk huwiex minnu li r-rikorrent kellu għad-dispożizzjoni tiegħu rimedju alternativ effettiv. Fost dawn il-prinċipji wieħed isib li (a) meta jidher ċar li jeżistu mezzi ordinarji disponibbli għar-rikorrent biex jikseb rimedju għall-ilment tiegħu, ir-rikorrent għandu jirrikorri għal tali mezzi qabel ma jirrikorri għar-rimedju kostituzzjonali, u huwa biss wara li jkun fittex dawk il-mezzi jew wara li jidher li dawk il-mezzi ma jkunux effettivament disponibbli li għandu jintuża r-rimedju kostituzzjonali; (b) li d-diskrezzjoni li tuża l-Qorti biex tqis jekk għandhiex twettaq is-setgħat tagħha li tisma' kawża ta' natura kostituzzjonali għandha torbot, sakemm

---

[19] K Reid *A Practitioner's Guide to the European Convention on Huma Rights* (3rd. Edit, 2007) §I-040, pġ. 31 – 2
[20] Kost.**9.10.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Paul McKay vs Kummissarju tal-Pulizija et***
[21] Ara Kost. **25.6.1999** fil-kawża fl-ismijiet ***Spiteri vs Chairman Awtorita' tal-Ippjanar et*** (Kollez. Vol: **LXXXIII.i.201**)
[22] Van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak *Theory & Practice of the European Convention on Human Rights* (4th. Edit, 2006), pġ. 133

ma tinġiebx xi raġuni serja u gravi ta' illegalita', inġustizzja jew żball manifest fl-użu tagħha; (ċ) m'hemm l-ebda kriterju stabilit minn qabel dwar l-użu tal-imsemmija diskrezzjoni, billi kull każ jeħtieġ jiġi mistħarreġ fuq iċ-ċirkostanzi tiegħu; (d) in-nuqqas waħdu ta' teħid ta' meżżi ordinarji mir-rikorrent mhuwiex raġuni biżżejjed biex Qorti ta' xejra kostituzzjonali taqtagħha li ma tużax is-setgħat tagħha li tisma' l-ilment, jekk jintwera li l-imsemmija meżżi ma kinux tajbin biex jagħtu rimedju sħiħ lir-rikorrent għall-ilment tiegħu; (e) in-nuqqas ta' teħid ta' rimedju ordinarju – ukoll jekk sata' kien għal kollox effettiv biex jindirizza l-ilment tar-rikorrent - minħabba l-imġiba ta' ħaddieħor m'għandux ikun raġuni biex il-Qorti twarrab is-setgħat tagħha li tisma' l-ilment kostituzzjonali tar-rikorrent[23]; (f) l-eżerċizzju minn Qorti (tal-ewwel grad) tad-diskrezzjoni tagħha bla ma tistħarreġ il-materja neċessarja li fuqha tali diskrezzjoni għandha titwettaq, jagħti lil Qorti tat-tieni grad is-setgħa li twarrab dik id-diskrezzjoni[24]; u (ġ) meta r-rimedju jaqa' fil-kompetenza ta' organu ieħor jew meta s-smigħ tal-ilment tar-rikorrent se' jwassal biex l-indaġni ġudizzjarja u l-proċess l-ieħor tas-smigħ tar-rimedju ordinarju jkunu duplikazzjoni ta' xulxin, il-Qorti ta' kompetenza kostituzzjonali għandha ttendi lejn ir-rifjut li tuża s-setgħat tagħha kostituzzjonali, sakemm l-indaġni ġudizzjarja tal-każ ma tkunx, min-natura tagħha, ixxaqleb iżjed lejn kwestjoni kostituzzjonali[25];

Illi d-diskrezzjoni li l-Qorti tagħżel li tieħu jekk twettaqx jew le s-setgħat tagħha kostituzzjonali biex tisma' kawża għandha tiġi eżerċitata bi prudenza, b'mod li fejn jidher li hemm jew sejjer ikun hemm ksur serju ta' drittijiet fondamentali, il-Qorti xxaqleb lejn it-twettiq ta' dawk is-setgħat[26];

Illi fil-qasam tal-istħarriġ tal-eżistenza ta' rimedji oħrajn xierqa, jinsab stabilit li "*With respect to the way in which and the time-limits within which proceedings must be instituted, national law is decisive. If in his appeal to a national court an applicant has failed to observe the procedural requirements or the time-limits, and his case has accordingly been rejected, the local remedies rule has not been complied with. ... The interpretation and application of the relevant provisions of national law in principle belong to the competence of the national authorities concerned*"[27]. Dak li jingħad dwar it-teħid tar-rimedji quddiem l-awtoritajiet nazzjonali qabel ma wieħed jista' jmexxi każ quddiem il-Qorti ta' Strasbourg[28] jidher li jista', fil-qafas ġenerali, jgħodd ukoll għall-kwestjoni tat-teħid tar-rimedji "ordinarji" qabel ma wieħed imexxi 'l

---

[23] P.A. (Kost.) VDG **9.2.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Victor Bonavia vs L-Awtorita' tal-Ippjanar et***
[24] Ara Kost. **7.3.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Vella vs Bannister et*** (Kollez. Vol: **LXXVIII.i.48**) u Kost. **12.12.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Visual & Sound Communications Ltd. vs Il-Kummissarju tal-Pulizija et***
[25] P.A. Kost **29.10.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Martin Gaffarena vs Kummissarju tal-Pulizija*** (mhix pubblikata)
[26] Kost. **14.5.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***David Axiaq vs Awtorita' Dwar it-Trasport Pubbliku***
[27] Van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak *op cit*, pġ. 134
[28] Ara art. 35(1) tal-Konvenzjoni

quddiem bil-proċedura speċjali tal-ilment dwar ksur ta' jedd fondamentali quddiem il-Qrati nazzjonali;

Illi l-kejl determinanti dwar l-aċċettabilita' ta' rimedju bħal dak jibqa' dejjem dak ta' kemm huwa effettiv ir-rimedju li jista' jingħata. Għalhekk, kien hemm każijiet fejn ir-rimedju amministrattiv tqies bħala wieħed li jindirizza sewwa l-ilment imressaq mir-rikorrent (ukoll fejn l-allegazzjoni kienet ta' ksur ta' jedd "konvenzjonali")[29] (u għalhekk jiġġustifika li l-Qorti "kostituzzjonali" tagħżel li ma twettaqx is-setgħat tagħha straordinarji), imma kien hemm każijiet oħrajn ukoll fejn tali rimedju ma tqiesx bħala wieħed effettiv[30];

Illi, minbarra dan, jidher li l-kwestjoni marbuta mal-eżawriment tal-proċeduri 'ordinarji' qabel ma wieħed jersaq għar-rimedju 'kostituzzjonali' jew 'konvenzjonali' jridu jitqiesu wkoll minn jekk ir-rimedji eżistenti jitqisux fihom infushom tajbin biżżejjed biex ma joħolqux ilmenti ġodda ta' ksur ta' jeddijiet fundamentali meta wieħed iqis jekk għandux jirrikorri għalihom. F'dan ir-rigward, il-Qorti tqis li ma tistax tinjora l-kejl suġġerit mill-Qorti ta' Strasbourg fejn jidħol dan l-element ta' eżawriment ta' rimedji domestiċi ordinarji, kif stabilit f'kawżi li jolqtu lil Malta[31];

Illi fil-każ li għandna quddiemna, l-ilmenti tar-rikorrent jirrigwardaw sewwasew l-Ordni ta' Iffriżar tal-assi u l-effetti tiegħu fuqu fid-dawl taż-żewġ jeddijiet fundamentali li huwa jgħid li qiegħed iġarrab ksur tagħhom minħabba fi u sakemm idum fis-seħħ l-imsemmi Ordni. Fl-istħarriġ li din il-Qorti trid tagħmel dwar is-siwi tal-eċċezzjoni preliminari li qiegħda tqis f'din is-sentenza, huwa sewwasew jekk huwiex minnu li r-rikorrent għandu rimedji oħrajn li jista' jinqeda bihom biex, bla ma jkollu għalfejn idur għall-proċedura 'straordinarja' tal-azzjoni 'konvenzjonali', ixejjen il-ksur tal-jeddijiet fundamentali invokati minnu f'din l-azzjoni tiegħu tallum;

Illi b'sostenn tal-eċċezzjoni tiegħu, l-intimat jisħaq li r-rikorrent għandu tabilħaqq rimedju xieraq u effettiv li bih jista' jindirizza l-ilment tiegħu. Jgħid li dan ir-rimedju nqeda bih bosta drabi matul dawn is-snin u kemm ilu fis-seħħ l-Ordni. Iżid jgħid li l-imsemmi rimedju jħares ukoll il-bilanċ meħtieġ bejn il-jeddijiet tar-rikorrent dwar ġidu u l-ħarsien tal-effikaċja tal-proċediment kriminali (u tal-interess pubbliku) li l-istess rikorrent għadu għaddej minnu. Jgħaddi biex isemmi lista ta' drabi fejn ir-rimedju li nqeda bih ir-rikorrent kien tah ir-riżultat mixtieq[32], l-aktar meta wieħed iqis li l-qofol tal-azzjoni tar-rikorrent hija dik li jikseb it-tħassir għal kollox u bla ebda kundizzjoni tal-Ordni ta' Iffriżar maħruġ kontrih;

---

[29] Ara, per eżempju, Kost. **2.11.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Emanuel Ċiantar vs Kummissarju tal-Pulizija***
[30] Ara, per eżempju, Kost. **14.5.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***David Axiaq vs Awtorita' tat-Trasport Pubbliku***
[31] Ara Q.E.D.B. **24.10.2014** fil-kawżi fl-ismijiet ***Brincat et vs Malta*** (Applik. Nri. 60908/11 u 62110/11 et) §§ 64, 68 u 72
[32] Ara n-Nota ta' Sottomissjonijiet f'paġġ. 201 – 2 tal-proċess

Illi min-naħa tiegħu, ir-rikorrent jgħid li filwaqt li wieħed jagħraf is-siwi fil-liġi tas-setgħa li Qorti toħroġ Ordni ta' Iffriżar jew ta' sekwestru tal-ġid tal-persuna imputata, huwa jqis li l-azzjoni tiegħu hija maħsuba li turi kif dawk li l-intimat isejħilhom 'rimedju ordinarju' ma huma rimedji xejn. B'mod partikolari jgħid li l-fatt innifsu li, kull darba li r-rikorrent jeħtieġlu jew jixtieq li jikseb jew jiddisponi minn ġid irid idur għall-proċedura li jressaq rikors quddiem il-Qorti ta' kompetenza kriminali tikkostitwixxi minnha nnifisha l-għajn u r-raġuni tal-ksur tal-jeddijiet fundamentali tiegħu. Minbarra dan, huwa jgħid ukoll li l-ksur tal-jeddijiet fundamentali tiegħu – tuża jew ma tużax ir-rimedju tat-tressiq tar-rikors li jirreferi għalih l-intimat – jinħalaq bil-fatt li sakemm Ordni ta' Iffriżar idum fis-seħħ jitqiegħed fuq ras il-persuna milquta limitu ta' kemm jista' jiddisponi minn ġid fuq medda ta' sena u li, minħabba f'dak l-Ordni, dak il-limitu ma jkunx jista' jinqabeż. Jgħid li dak il-limitu ilu ma jkun rivedut mil-leġislatur u li fir-rejalta' tal-ħajja tallum huwa limitu li bilkemm iħalli lil min ikun jgħix ħajja diċenti;

Illi fil-fehma tal-Qorti, waħda mill-kwestjonijiet li jqajjem il-każ tar-rikorrent hija l-qagħda li tinħalaq fuq persuna milquta b'Ordni ta' Iffriżar li, tabilfors, trid iddur kull darba għar-rimedju tal-ksib tal-permess minn Qorti biex tista' tinqeda b'ġidha sakemm dak il-ġid ikun għadu maqbud b'dak l-Ordni. Filwaqt li tara li r-rikorrent innifsu jagħraf li irrikorra bosta drabi għal dak ir-rimedju, tara wkoll li huwa minħabba f'hekk li r-rikorrent jgħid li qiegħed iġarrab ksur tal-jeddijiet fundamentali tiegħu;

Illi fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet li saru qabel, il-Qorti tagħraf li l-fatt li r-rikorrent jista' jibqa' għaddej bir-rutina tat-tressiq ta' rikorsi biex ikun jista' jikseb l-awtoriżżazzjoni ġudizzjarja meħtieġa biex ikun jista' ta' kull darba jiddisponi minn ġidu jikkostitwixxi element li ma jistax jissolva jekk mhux billi din il-Qorti tqisu fil-mertu. Dan tgħidu għaliex meta r-rimedju ordinarju invokat mill-intimat f'kawża bħal din jista' jkun minnu nnifsu r-raġuni għalfejn jista' jinħalaq ksur ta' jedd fundamentali, allura ma jkunx għaqli li l-Qorti twarrab is-setgħat tagħha biex tisma' l-kawża u tagħżel li ma tinqediex b'dik l-istess setgħa bla ma b'hjekk tissolva l-kwestjoni. Hemm raġuni oħra għalfejn din il-Qorti qiegħda tasal għal din il-fehma. Mit-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-patijiet ħareġ ukoll li biċċa mill-ilment tar-rikorrent jirreferi għad-differenza li tagħti l-liġi bejn l-effetti ta' Ordni ta' Iffriżar u tar-rimedji mogħtija fir-rigward ta' persuni mixlija li l-proċess tagħhom ikun intemm, u dawk fir-rigward ta' persuni oħrajn (bħalma hija l-qagħda tar-rikorrent sallum) fejn il-proċeduri jkunu għadhom mexjin. It-teħid tar-rimedji li r-rikorrent ilu jirrikorri għalihom bl-ebda mod ma jindirizzaw din il-kwestjoni u huwa biss bi stħarriġ tal-ilment fil-mertu li din il-Qorti tista' tasal biex tgħid jekk tali differenza twassalx tabilħaqq għal ksur ta' jedd fundamentali;

Illi, wara li l-Qorti għamlet dawn il-konsiderazzjonijiet kollha, hija tasal għall-fehma li l-intimat Avukat Ġenerali ma tahiex raġunijiet tajba biżżejjed biex tilqa' l-istedina tiegħu li tagħżel li ma twettaqx is-setgħat kostituzzjonali tagħha biex tisma' l-każ imressaq quddiemha mir-rikorrent. Għalhekk, il-Qorti mhix sejra tilqa' l-eċċezzjoni preliminari;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħed taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tiċħad l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-intimat** Avukat Ġenerali u l-istedina tiegħu li l-Qorti tagħżel li ma twettaqx is-setgħat tagħha li tisma' l-kawża skond il-*proviso* tal-artikolu 4(2) tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta, bi **spejjeż għall-istess intimat**; u

**Tordna** li s-smigħ tal-kawża jitkompla bit-trattazzjoni tal-każ fil-mertu**.**

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**13 ta' Lulju, 2017**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Registratur**

**13 ta' Lulju, 2017**